# PUPI

Qalb Sandra qabzet fi x'hin rat il-pupa ghall-ewwel darba. Malli rat il-pupa l-gdida tant ferhet li ghajnejha raw biss dik il-pupa l-gdida – xagharha nokkli, libsa sabiha. Ma kellhiex difett wiehed. U iktar mill-pupa l-antika…. Kienet tkanta.

Ghamlet tlett ijiem kull darba ddoqq il-pupa u l-ghanja taghha kienet tidwi f'widnejn it-tifla ckejkna tant li meta torqod, Sylvia, kienet tara x-xufftejn helwin tat-tifla jghannu l-ahhar ghanja li setghet tisma' t-tifla biss, u jirrepetu l-ghanja tal-pupa.

Izda ghal Sylvia l-hajja ma kienetx daqshekk sabiha. Gorg kien telaqgha wara li urieha l-mara li gieghlitu jabbanduna lilha u lil bintu. Ma setghetx tinsa ghajnejh bid-dahqa, qisu qed jaghmel xi bravura, ghax jitlaq ma' mara ohra. Ma kienetx taf x'kien l-ikbar pjacir tieghu - hux li jibda hajtu ma' mara gdida jew li jhalli lil martu u lil bintu warajh – dejjem jsitennewh minkejja li ma kien hemm l-ebda tama li jerga' lura.

L-imhabba li Sylvia kellha lejn Gorg kienet wasslet ghal imrar kbir. Kienet imhabba kbira li wasslet ghal imrar kbir. Kuljum Sylvia kienet tibki bikja fuq it-tarbija u xxejjer b'idejha fil-vojt mudlam tistenna li xi darba idha tahbat ma' sider zewgha. Izda l-vojt kien verament vojt. Ix-xewqa kbira li hi kellha li xi darba zewgha jerga' lura ma wasslitx biex zewgha xi darba jimmaterjalizza. Iz-zmien ghadda izda bikja wara l-ohra qatt hadd ma gie minn wara darha jhaddanha mieghu u jghidilha li kollox kien ghadda u li hajjitha kienet ser terga' tibda mill-gdid.

Fost il-biki u lfieq imhabbitha lejn it-tifla kibret u lahqet imhabba li taghmel tajjeb mhux biss ghall-imhabba ta' l-omm izda anke tal-missier. Kienet thobb lil Sandra b'sahhitha kollha u kuljum imhabbitha lejha kienet tikber.

Min-naha taghha Sandra kienet taf biss 'l ommha. Kienet tifla cajtiera u thobb hafna l-pupi…. Thobbhom b'imhabba tal-genn. Kienet dhulija anke ma' l-irgiel li kienu jzuru lil Sylvia kultant zmien. Mario kien ihobbha hafna u dejjem kien igibilha xi helu meta jigi ghandhom. Lil Robert kienet thobb taqbadlu ma' xaghru u mar-roghqa daqna zghira ta' fuq geddumu, izda l-iktar wiehed li kienet thobb kien Albert – ghax hu wkoll xtralha pupa.

Il-kamra tat-tifla dlonk imtliet pupi. Pupi ma' kullimkien.

L-omm kienet tinnota spiss il-gibda kbira li Sandra kellha lejn il-pupi. Izda kienet tinnota li l-fissazzjoni taghha kienet tkun ikbar lejn wahda minnhom. Din il-pupa kienet taghmlilha xaghrha kuljum, tahsilha u tibdlilha hwejjigha.

L-omm dlonk bdiet tinduna li t-tifla taghha kienet bhalha. Kienet taf thobb …. Thobb b'imhabba liema bhalha. Lejla minnhom Sylvia rat lil Sandra tkanta l-ghanja tal-pupa favorita taghha, tomxtilha xaghrha u tizfen maghha. Damet tinnota minn wara l-bieb imbaghad, gietha energija kbira, dahlet tigri gol-kamra, qabdet il-pupa minn idejn it-tifla bl-id wahda, u bl-ohra spallet it-tifla u ghaffset subghajha 'il gewwa filwaqt li b'harsa dritta go ghajnejn it-tifla u ghajtet 'Dik inti thobbha!' It-tifla bdiet tibki u Sylvia xenglitha sakemm ammettiet li lill-pupa kienet thobbha. It-tifla mtliet dmugh u wiccha hmar. Kellha tirrepeti li thobb il-pupa darba wara l-ohra u l-ghajta t'ommha kibret darba wara l-ohra ggieghla tammetti li thobb il-pupa. L-ghajta t'ommha kienet tal-wahx. Tal-biza'. Dahlitilha go widnejha u kissritilha l-melodiji tal-pupi kollha taghha. Izda mbaghad, f'daqqa wahda, id l-omm li kienet hakmet sewwa lill-pupa, sabbtitha ma' l-art u faqghetha. Id wahda tal-pupa spiccat f'rokna tal-kamra, rasha daret kontra u saqajha tghawgu.

It-tifla bdiet twerzaq u tibki izda ommha bdiet twerzaq iktar minnha ' Jekk thobbha hekk ghandek taghmlilha! Kissirha! ' Wara li semghet dawn il-kliem ghal bosta drabi l-omm kkalmat u qaltilha 'Jiena rridek titghallem teqred dak li thobb… ghax inhobbok….. fhimt?... ghax inhobbok…. Ghax irridlek il-gid…..'

L-ghada, t-tifla rat lill-pupa tingabar minn trakk kbir. Donnhom lanqas il-haddiema li gabruha ma riedu jarmuha ghal kollox. Hallewha b'saqajha mdendla 'l barra u t-tifla ratha titbieghed fost id-duhhan iswed tat-trakk.

Malli marret gol-kamra Sandra harset lejn il-pupi kollha l-ohra li kellha. Wahda minnhom kienet nieqsa. Dik li l-aktar kienet thobb. Imteddet f'nofshom mitlufa. Ghaddiet lejl tikbiha izda fl-istess hin fehmet x'qaltilha ommha, ghax ommha kienet dejjem tghallimha. Wara dak il-lejl sebah jum gdid. Ghajnejha harsu mill-gdid lejn il-pupi fuq is-sodda. Sandra ghazlet pupa ohra u ppruvat tinsa l-ewwel wahda.

Fi ftit zmien it-tifla regghet bdiet thobb hafna lill-pupa l-gdida. Kienet tahbi mhabbitha lejn il-pupa minn ommha izda malli ommha nnutat illi mhabbitha kienet kibret wisq, regghet kissritilha l-pupa u t-tifla kellha terga' tibki u wara terga' thobb pupa gdida. Wahda wara l-ohra l-pupi bdew kollha jitkissru, il-biki tat-tifla izda ma baqax l-istess. Il-biki beda dejjem jonqos. Kienet taf li kull pupa li thobb ser tinkiser. Anzi gieli wriet lil ommha li taparsi qed thobb pupa meta kienet thobb ohra. Hekk, indunat, li ommha ma tkissrilhiex il-pupa li thobb izda pupa ohra. Fl-ahhar, meta kibret ferm iktar, bdiet tkisser il-pupi hi stess u tmur turihom lil ommha. Hekk biss setghet tara tbissima fuq wicc ommha li dejjem baqghet tiftakar f'missierha u tistennieh gej lura.

************************

Ghaddew il-jiem, ix-xhur u s-snin. It-tifla ftakret pupi fuq pupi, izda minn tifla saret tfajla u wara xebba.

Ma kienetx xi xebba sabiha u qatt ma serqet qalb hadd ma' l-ewwel daqqa t'ghajn. Izda harsitha vojta u fissa xorta wahda laqtet lil Alfred li kien imur jigri maghha. Kienet rasha iebsa u taf xi trid. Id-determinazzjoni taghha wasslitha sabiex rebhet tlett darbiet medalji fuq livell nazzjonali.

Gurnata wara l-ohra beda jmur jigri fil-hin meta kienet tkun tigri hi u bil-mod il-mod bdew jiftehmu. Sandra kienet differenti. Xejn ma kien jecitaha zzejjed. Xejn ma kien idejjaqha zzejjed. Xejn ma kien iferrahha zzejjed. Kienet dejjem wahedha tigri mat-trekk.

Izda dan iktar gieghel lil Alfred jipprova jidhol fid-dinja taghha. Pass wara l-iehor gieghlha thobbu.

Kuljum kien ihares lejh innifsu bhala rebbieh. Lil Sandra kien gieghlha tridu. Kienet saret ma tghaddix minghajru.

Marru jghixu flimkien. Sandra, minn tfajla solitarja, dejjem wahedha, ma tkellem lil hadd, kienet saret bniedma li tghix ghalih u ghalih biss.

Kien ilhom hames xhur jghixu flimkien. Kien draha u hi kienet drat lilu. Fil-ghodu ried ikellimha biex ikun jista' jghaddi l-gurnata sa l-ahhar. Hadd ma kien jghir ghalih izda hu kien ihossu princep. Sylvia rari kienet izzurhom u kull meta zarithom kliemha qatt ma ghogbu.

Jum wiehed Sandra dehret f'burdata mhix tas-soltu. Dehret iktar ferhana u iktar kellha mohh il-loghob. Alfred kien ghajjien u ftit li xejn kellu aptit l-imbuttar taghha. Hekk kif imtedd fuq is-sodda, Sandra qabzet fuqu bit-tbissima u riditu bilfors iduq l-ghasel tajjeb li kienet xtrat. Ma setghax ma jikkuntentahiex. Ghalaq ghajnejh u halliha toqghod tferraghlu l-ghasel kwazi jahraq go halqu u fuq geddumu. Donnu kien veru li dak l-ghasel ma kienx xi ghasel milli gieli kien daq. Donnu beda jraqqdu u jhawdu.

L-ghada Sandra qamet bhas-soltu wara lejl ta' taqbid ma' Alfred li iktar ma jmur iktar beda jitlef sahhtu. Ic-cajta donnha kienet ghogbitu izda kienet biss Sandra li kienet taf fejn dik ic-cajta kienet ser twassal.

Alfred kien hdejha bhas-soltu izda rasu kienet milwija lura. Sandra gibdet il-lizar li nfired helu helu minn bejn subghajh iggranfati u ebsin. Gismu kien mghawweg u bla sura. Halqu kien nofsu miftugh.

Sandra qamet tigri bla ma tat kas izzejjed. Qabdet it-telefon u harget l-wajer minn taht Alfred. Cemplet telefon li kien miktub fuq karta mill-gurnata ta' qabel u li Alfred kien staqsieha xi tlett darbiet ta' min kien il-lejl ta' qabel. Ghamlet is-sitt numru u qabdet lit-tabib. Bil-kalma spjegatlu kif kien Alfred u li kien ghadu ma qamx. Wara marret gol-kcina titma l-qtates u tiehu l-kolazzjon.

Malli cempel il-bieb marret tifthu u halliet lit-tabib jidhol wahdu fil-kamra tas-sodda. It-tabib hareg lura ghal gol-kcina abjad karti. Beda jtemtem u ma kienx jaf' x'se jaqbad jghidilha. Itemtem qalilha li kien diga' cemplilhom biex jigu ghalih u b'ghajnejh iktar kemm jghaddi l-hin iktar mifxula qalilha li kien ser ikollu jaghmel rapport. Kien tabib habib ta' Alfred u taghha u qatt ma kienet ratu f'dak l-istat. Forsi kien qed jithassar lil Alfred?

Sandra qaghdet bil-qieghda mill-gdid fuq il-meja tal-kcina. Alfred kien sar il-pupu taghha. Kien taghha. Kienet saret thobbu b'imhabba tal-genn. Ma setghax jibqa' jirbahha bil-mod kif kien. Kellu jitkisser. Kellu jitlaq.

Sandra ma setghetx titbissem bhalma kienet titbissem meta kienet tara l-pupi sejrin fuq it-trakk il-goff tad-duhhan. Kienet qed thoss nifisha tqil. Fis-skiet kienet qed tahseb fejn kien qieghed Alfred dak il-hin. Imkien u kullimkien. Imma kien fejn kien ma setghax igieghlha tbohhu daqshekk. Kellha bzonn twaqqaflu mhabbtu u twaqqaf imhabbitha stess.

Mxiet lura lejn il-kamra tas-sodda, serhet mal-bieb halli tara mill-gdid il-gisem mghawweg ta' Alfred. Kien qisu pupu – ma jiccaqlaqx. Il-qanpiena tal-bieb hasditha. Minn warajha gie t-tabib u hatafha minn naha ta' fuq ta' jdejha donnu biex ma jhallihiex ticcaqlaq.

F'daqqa wahda dahlu gol-kamra zewgt irgiel li malli raw lil Alfred bdew igergru kif damu ma qalulhom daqshekk li kien hemm wiehed mejjet. Bdew jiggieldu mal-pupu beix jiddrittawlu jdejh u mentri t-tabib beda jigbidha 'l barra Sandra zammet sod mal-koxxa tal-bieb halli tara lil Alfred.

Fl-ahhar it-tabib irnexxielu jigbidha 'l barra. Harstu dehret mifxula mill-gdid, ixengel rasu donnu ma jridx jemmen li qed jara b'ghajnejh u fl-istess hin donnu jhares lejha daqslilkieku kienet xi bixra tal-biza'.

Gie pulizija u gieghla tidhol mill-gdid fil-kcina. It-tabib qal li li kien jippreferi ma jitkellimx dak il-hin ghax kien wisq mifxul. Kien jaf sewwa lil Alfred. Qallu biex ma jhallihiex wahedha ghalkemm ma kienetx ser ticcaqlaq. Sandra harset lejhom it-tnejn tipprova tifhem ghalxiex qed jitkellmu hekk. F'daqqa wahda qamet minn postha ghax semghet lil xi hadd ghaddej fil-kurutur. Lahqithom biss jghalqu karozza kbira sewda u fiha kien hemm Alfred.

Malli sabbat il-bieba tal-karozza, ir-ragel li kien gie ghal Alfred, dar f'daqqa lejha u b'harsa sorpriza taptpilha fuq spallejha : 'Issa naf fejn nafek sabiha! Ma tantx

dahqiltek il-hajja! Jien nafek tifla zghira….. kont nahdem mal-gvern….' Ir-ragel donnu baxxa lehnu, qisu ser jghidilha xi sigriet, u kompla minn taht l-ilsien 'niftakrek tibki meta ommok ramietlek pupa….. ma stajtx tieqaf tibki u poggejnihielek imdendla b'saqajha 'l barra halli taraha sejra….. ehh!.... imma issa qed ngharfek…. Minn ghajnejk…… ghadhom l-istess kif dejjem kienu… kannella cari, cassi u kbar… niftakrek minn imniehrek mimli nemex… niftakrek…. niftakrek…. Niftakar anke l-ewwel pupa tieghek. Izda issa kbirna… m'ghadniex nibku hux hekk?'

L-ghajnejn tar-ragel illum imdahhal fiz-zmien ukoll fakkruha f'dak ir-ragel li dahqilha l-ahhar dahqa meta ommha kissritilha l-ewwel pupa. Iz-zmien kien bidlu bis-shih izda donnu kien kiber maghha u baqa' dejjem jehdilha hsieb dak li tkisser u jhalliha thares lejh hu u jitlaq lil hemm bih. Bhalma kienet tbiddelt hi, kien tbiddlu l-pupi taghha u kien tbiddel Anton….. dak li kien jiehu hsieb il-pupi mkissra taghha.. Haga wahda ma tbiddlitx…. L-ghanja li biha l-pupa taghha telqet ghal ghonq it-triq. Ftit li xejn kien jimpurtaha fejn kienet ser tispicca l-pupa li thobb izda xofftejha baqghu jghannu l-ghanja fis-skiet sakemm il-karozza ghebet fil-boghod bid-duhhan iswed sakemm ma baqghetx tidher.

**Lorna Vassallo** **14 t'Awissu 2004.**